

Konvenuta: Poste Italiane SpA

Dispożittiv

L-Artikolu 74(2) tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE, għandu jiġi interpretati fis-sens li, meta ordni ta' ħlas tkun imwettqa b'mod konformi mal-identifikatur uniku pprovdut mill-utent ta' servizzi ta' ħlas, li ma jikkorrispondix ma' isem il-benefiċjarju indikat minn dan l-istess utent, il-limitazzjoni tar-responsabbiltà tal-fornitur ta' servizzi ta' ħlas, prevista f'din id-dispożizzjoni, tapplika kemm għall-fornitur ta' servizzi ta' ħlas ta' min iħallas kif ukoll għall-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tal-benefiċjarju.

(¹) ĠU C 249, 16.07.2018

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Marzu 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nejvyšší správní soud — ir-Repubblika Ċeka) — Milan Vinš vs Odvolací finanční ūreditelství

(Kawża C-275/18) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 131 u Artikolu 146(1)(a) — Eżenzjoni ta' kunsinni ta' oggetto mibgħuta jew ittrasportati barra mill-Unjoni Ewropea — Kundizzjoni ta' eżenzjoni prevista mid-dritt nazzjonali — Tqegħid ta' oggetto taħt proċedura doganali partikolari — Prova ta' tqegħid taħt il-proċedura tal-esportazzjoni)

(2019/C 187/33)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Nejvyšší správní soud

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Milan Vinš

Konvenut: Odvolací finanční ūreditelství

Dispożittiv

L-Artikolu 146(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, moqrı flimkien mal-Artikolu 131 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali tissuġġetta l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud prevista għal oggetto maħsuba għall-esportazzjoni barra mill-Unjoni Ewropea għall-kundizzjoni li dawn l-oggetto jkunu tqiegħdu taħt il-proċedura doganali tal-esportazzjoni, f'sitwazzjoni fejn jiġi stabilit li l-kundizzjonijiet sostantivi għall-eżenzjoni, fosthom b'mod partikolari dik li teżiġi l-ħruġ effettiv, mit-territorju tal-Unjoni, tal-oġġetti kkonċernati, ikunu ssodisfatti.

(¹) ĠU C 221, 25.6.2018.